**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 32

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 15 ta' Settembru 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' onlajn, fil-4.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

32.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 31

32.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-wieħed u tlettin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

32.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

32.2.3 Fuq proposta tal-Minority Leader Lorraine Farrugia li kien issekondatha mill-Viċi Sindku Daniel Mallia l-minuti tal-wieħed u tlettin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 32.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

32.3.1 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-proġett u l-installazzjoni tal-WIFI4EU. Huwa qal kif dan il-proġett ġie nstallat u qed isir l-aħħar testing tal-apparat. Din is-sistema ġiet installatha fil-postijiet kif indikati: (A) Fil-Pjazza Trasfigurazzjoni bl-għajnuna tal-Kappillan, (B) Fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv, u (C) fil-Ġnien tal-Mirakli ħdejn il-Kappella tal-Mirali bl-għajnuna ta' Fr. Alex Cordina (rettur tal-istess kappella).

32.3.2 Is-Sur Dalli nforma lil kunsilliera kif il-kunsill riċenti irċieva ittra ta' commitment li kkwalifika biex isir ir-restawr meħtieġ fuq il-Kappella tal-Belliegħa. B'kollox kien hemm 15 il-applikazzjoni u l-kunsill ta' Ħal Lija kien wieħed minn dawk il-kunsilli li ibbenifika mill-iskema. Il-Kontenut tal-kuntratt għadt irid jiġi kkomunikat lil kunsilla minn Heritage Malta fil-ġranet li ġejjin.

32.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-ġnien ċentru Rikreattiv u l-għajnuna li huwa talab lil Ministeru ta' Miriam Dalli biex dan il-ġnien jingħata dehra aħjar. Huwa spjega kif kellu meeting ma' rappreżentant tal-Ministeru fil-post u ftehmu li fejn jidħol iż-zżir tas-Siġar ser tingħata l-għajnuna mmedjatament. Kien hemm diskussjoni ukoll dwar l-injam li hemm fil-ġnien, fosthom il-Gazebo u t-travi li hemm fid-dħul tal-Ġnien Rikreattiv. Dwar il-Gazebo lis-sindku qalulu li din tidher fi stat tajjeb ħafna filwaqt li t-travi fid-dħul tal-ġnien iridu jinbidlu. Għalhekk se ssir stima u tiġi approvatha mill-Ministeru kkonċernat biex isiru travi ġodda ta' saff wieħed bi kannizzata fuqhom. Is-Sindku qal ukoll li huwa talab biex jingħata sketch ta' din biex ikun jista jressaqa fl-laqgħa tal-Kunsill.

32.3.4 Is-Sur Dalli tkellem fuq il-bilanċ pendenti li għandha Wasteserv LTD dovut lil kunsill dwar l-ġbir tal-iskart organiku. Huwa qal kif riċenti Wasteserv għaddiet parti minn dan il-bilanċ fil-kontijiet tal-kunsill; somma ta' €24,030 li tkopri sa Diċembru 2020. Issa fadal il-bilanċ minn Jannar 2021 sal-llum. Is-sindku spjega kif dan il-bilanċ kważi l-istess daqs id-deficit li ħareġ fil-Financial statements ta' 2020.

32.3.5 Is-Sindku tkellem dwar il-fondi tal-UIF, tal-Planning Authority. Dawn il-fondi skond ċirkulari li ħarġet l-Awtorita huwa stabbilit li 70% tal-fondi jibqgħu għand il-Kunsill u 30% imorru biex jintuaw minn NGO's li joperaw mill-lokal ta' l-istess Kunsill Lokali. Fil-preżent hemm bejn wieħed u ieħor EUR 70,000 għal użu tal-Kunsill u EUR 30,000 għal użu ta' dawn l-NGO's. Is-Sur Dalli qal kif tressqu għandu żewġ talbiet minn NGOs biex jintużaw it-30% ta' dawn il-fondi. L-ewwwel talba daħlet mingħand il-Każin Lija Athletics (tal-Football) biex jirrestawraw il-faċċata (gallerija, żewġ bibien u galleriji tal-ħadid, balavostri tal-bejt u l-bieb ta' barra). It-Tieni talba daħlet mingħand is-Soċjeta San Andrija li se jagħmlu restawr tal-ġebel tal-ġnien/bitħa. Is-Sur Dalli kompla jgħid li jekk dawn iż-żewġ każini japplikaw u jidħol magħhom il-Kunsill Lokali jibbenefikaw minn 100% tal-fondi, filwaqt li jekk japplika għal rashom jikkwalifikaw għal 70% tal-fondi. Huwa spjega kif dan hemm applikazzjoni li jridu jissottomettu biex jikkwalifikaw bħala NGO's u ovvjament jekk il-Kunsill jaqbel mat-talba ta' kull applikazzjoni jista jikkumplementa it-talba.

32.3.6 Is-Sindku tkellem dwar il-Fun Run tal-President li ser issir b'risq MCCFF fi Novembru. Huwa spjega kif f'isem il-kunsill għamel pjanta tal-loġistika tat-toroq ġor-raħal li tista tintuża għal din il-fun run. Il-Fun run se tibda minn ħdejn it-Torri għal Triq il-Kbira, tkompli għal Triq Annibale Preca sal-Kappella tal-Mirakli, umbgħad tgħaddi minn Triq il-Mitħna għal Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Forn, Triq Sir Ugo Mifsud u tispiċċa fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Is-Sur Dalli kompla jgħid li mill-Uffiċċju bil-għajnuna tal-Impjegati ser ikunu qed jitqassmu T-Shirts għall-okkażjoni b'donazzjoni ta' EUR 10. Is-Sindku qal lil kunsilliera kif min jixtieq jgħaddi jgħin waqt din l-okkażżjoni, jista bil-qalb kollha.

32.3.7 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-Binja tal-Gvern (Housing Estate) fi Triq Sir Ugo Mifsud. Huwa spjega kif wara xi lmenti li kellu riċenti dwar l-istat ta' din il-binja huwa għamel appuntament mal-Ministru Galdes. Is-Sindku tkellem miegħu dwar kif jista il-kunsill jgħin lir-residenti li jgħixu f'din il-binja biex ituha xeħta aħjar u l-Ministru Galdes spjega li hemm skemi apposta biex dawn in-nies, permezz tal-Amministratur ta' kull blokka jistgħu japplikaw biex jakkwistaw fondi għal manutenzzjoni anke fondi tal-EU. Is-Sindku kompla jgħif kif il-Ministru Galdes anke rreferih biex jikseb gwida mingħand l-Awtorita tad-Djar. Is-Sur Dalli qal kif huwa diġa beda jagħmel kuntatt mal-Awtorita tad-Djar biex jkollu f'idu kopja ta' dawn l-iskemi. Huwa anke tkellem mar-residenti u diġa ltqagħa ma' tlett persuni differenti minn kull blokka li ser jaġixxu bħala amministraturi. Is-Sur Dalli ser ikompli jinforma lil kunsilliera bl-iżvilupp ta' dan il-każ aktar l-quddiem.

## 32.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

32.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 32.5 Korrispondenza

32.5.1 Ir-Rapport mressaq f'din il-parti tas-seduta kien wieħed qasir u konċiż pero xorta kemm hemm xi kunsilliera li kellhom xi klarifiki/domandi dwar xi korrispondenzi mibgħutha bejn il-kunsill u terzi.

32.5.2 Il-Mistoqsijiet li kellhom il-kunsilliera kienu żgħar li ġew mwieġba mil-ewwel mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-korrispondenzi li l-kunsilliera staqsew fuqhom ma kinux ta' materja mportanti u għalhekk is-Sindku ġibed l-attenzjoni tas-sinjorina Borg li għal din id-darba m'hemmx għalfejn tieħu rendikont u tniżżel il-mistoqsijiet li saru dwar dawn il-korrispondenzi.

## 32.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju finali għas-sena 2020

32.6.1 B'relazzjoni mal-*audit* li riċentament sar għas-sena 2020, is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill, ir-Rapport Finanzjarju finali għal dik is-sena. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħat b'permezz ta' imejl lis-sindku u lil kunsilliera. Preżenti f'din il-parti tal-laqgħa ma setax ikun hemm l-accountant tal-kunsill peress li jinsab rikoverat id-dar.

32.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan ir-rapport diġa kien ġie ppreparat mill-accountant, pero dan ir-rapport kien għadu *unaudited* u mhux finali. Peress li l-awdituri rrakomandaw li jsiru xi aġġustamenti fuq l-*unaudited financial report*, dan ir-rapport u l-kontenut kollu relatat miegħu għandu issa jerġa jiġi approvat bl-aġġustamenti li naturalment saru mill-accountant tal-kunsill fuq bażi ta' x'ġie rrakomandat li għandu jkun aġġustat mill-awdituri. Din hija parti mill-proċedura tal-*audit* li ssir għal kull sena. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet lil kunsilliera li jekk għandhom xi mistoqsijiet dwar dan ir-rapport hija ser tieħu nota tagħhom u tgħaddihom lill-accountant biex meta jista umbgħad jagħti r-risposti tagħhom. Mistoqsijiet ma kienx hemm.

32.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-awdituri għandhom bżonn 8 kopji ta' dan ir-rapport ffirmat u appena dan jiġi approvat ser jintbgħat minnufih lil Grant Thorton ħalli b'hekk umbgħad l-istadju li jmiss ikun li tinħareġ il-*managementt letter* fejn il-kunsill irid iwieġeb għaliha.

32.6.4 Il-Kunsill unanimament approva r-rapport finanzjarju finali fuq proposta tal-Kunsillier Joseph Zahra li kien issekondat mill-Kunsillier Calcedonio Cini.

## 32.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

32.7.1.1 <u>Skema Finanzjarja 1/2021 – Korsijiet ta' Taħriġ lir-Residenti fi ħdan il-kunsill Reġjonali Ċentru</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill skema finanzjarja maħruġa mir-Reġjun Ċentru, skema 1/2021 li tirrifondi lura sa massimu ta' €5,000 lil kull kunsill lokali li jaqa fi ħdan ir-Reġjun fuq taħriġ ta' korsijiet lir-residenti.

Il-Korsijiet jistgħu jinżammu b'mod virtwali minħabba l-pandemija u jridu jingħataw b'xejn lir-residenti kollha li jaqaw biss fi ħdan il-lokalitajiet tar-Reġjun. Kopja ta' din l-iskema intbgħatet lil kunsilliera kollha.

32.7.1.2 Sabiex il-kunsill ikun jista jibbenifika minn dawn il-fondi, l-ewwel pero jridu jinġabru l-kwotazzjonijiet neċessarji sabiex dawn jiġu ppreżentati lir-Reġjun Ċentru ma' kopja tal-minuti tal-kunsill approvati bil-korsijiet magħżulha. Dawn id-dokumenti għandhom jintbgħatu sas-27 ta' Settembru 2021.

32.7.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif hija mal-komplament tal-amministrazzjoni diġa bdiet taħdem biex il-kunsill ikollu tlett kwotazzjonijiet. Filfatt hija ressqet korrispondenza dwar lista ta' korsijiet li jistgħu jiġu offruti minn TCTC, Richmond Foundation u kumpanija oħra bl-isem Engagestream. Fil-qasir hija spjegat bejn wieħed u ieħor x'qed joffru bħala korsijiet dawn it-tlett kumpaniji.

32.7.1.4 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet għall-għajnuna tas-sindku u kunsilliera biex tingħata stampa ċara tal-korsijiet li jixtiequ jagħtu taħriġ tagħhom lir-residenti u jkun hemm deċizjoni finali unanima peress li l-għażla ta' korsijiet hija waħda vasta ħafna. Kompliet tgħid kif is-Sinjorina Farrugia u anke is-Sur Zahra taw is-suġġerimenti tagħhom dwar korsijiet li fl-opinjoni tagħhom għandhom jitwettqu. Hija talbet ukoll biex finalment ikollha kunsens dejjem tmexxi bl-irħas prezzijiet mgħottija, dan b'kunsultazzjoni mas-sindku, biex il-kunsill iżomm mad-deadline mgħottija tar-Reġjun biex japplika.

32.7.1.5 Is-Sindku talab lil kunsilliera biex jaħsbu daqsxejn kemm il-kors ser joffri l-kunsill u dwar xiex ser ikunu dawn il-korsijiet. Huwa tal-fehma li ma jsirux ħafna korsijiet tal-kompjuter għax dawn diġa saru spissi u wieħed jista anke jattendi għalihom b'xejn mal-Gvern bħal tal-life long learning. Huwa qal li Richmond Foundation għandhom xelta tajba ta' korsijiet interessanti fuq temiet differenti u s-Sinjorina Farrugia wkoll qablet ma' dan il-punt. Is-Sinjorina Farrugia ssuġġerriet ukoll kumpanija oħra minn fejn il-kunsill jista jikseb kwotazzjoni, li hija, Idea Academy. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tikkuntatja lil din il-kumpanija ukoll.

32.7.1.6 Ġie deċiż kif id-diskussjoni dwar kemm ser issiru korsijiet u fuq xiex ser jitrattaw, ser tkompli bejn il-kunsilliera bil-miktub. Il-Kunsilliera ser ikunu qegħdin jibgħatu l-ħsibijiet finali tagħhom u jaqblu dwar il-korsijiet li ser jitwettqu b'permezz ta' imejl. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tibgħatilhom il-brochures tal-kumpaniji kollha bil-prezzijiet inklużi biex finalment ikun hemm deċiżjoni finali dwar liema korsijiet se japplika għalihom il-kunsill mar-Reġjun Ċentru taħt din l-iskema.

32.7.2.1 <u>Approvazzjoni ta' kwotazzjoni biex issiru traffic quotes</u>
Fuq deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta preċedenti biex issiru traffic counts fir-raħal qabel ma tibda is-sena skolastika, is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda korrispondenza bi nformazzjoni dwar kwotazzjonijiet biex issiru dawn il-counts. Hija qalet kif kitbet lil tlett persuni differenti għal kwotazzjoni; lil Profs Maria Attard, ADI Associates Ltd u lis-Sur George Said.

32.7.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tispjega kif is-Sur Said wieġeb lura li ma setax jagħti kwotazzjoni lil kunsill peress li fid-dati mgħottija, equipment biex issiru dawn il-counts ma kienx ser ikollu. Żiedet tgħid ukoll kif Profs Maria Attard u ADI Associates Ltd bgħatu kwotazzjoni kompluta u l-irħas kienet ta' ADI Associates LTD. Filfatt il-kunsill aċċetta l-kwotazzjoni ta' ADI Associates Ltd u kien hemm korrispondenza bejn il-kunsill u din il-kumpanija biex jitweħħel l-equipment neċċessarju fi Triq Annibale Preca u Triq Sant Andrija minnufih biex b'hekk il-counts ikunu jistgħu jittieħdu fid-dati proposti.

32.7.2.3 Il-Kunsill ħa nota ta' din l-informazzjoni u approva l-kwotazzjoni ta' ADI Associates LTD fuq proposta tal-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienet issekondatha mill-Viċi Sindku Daniel Mallia.

32.7.3.1 <u>Approvazzjoni ta' tibdil fl-applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa taħt LC Care grant scheme</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv tkelmet fuq l-applikazzjoni tal-kunsill tal-qtates tal-LC Care grant scheme. Hija fakret lil kunsilliera kif il-kunsill kien applika għal 3,500 EUR fuq food vouchers, 3,500 EUR fuq servizzi mediċi jew servizz tal-Vet u 1,000 EUR għal xiri ta' kennels. Hija spjegat kif it-3,500 EUR tal-food vouchers kollha tqasmu u ġew utilizzati filwaqt li mit-3,500 EUR tas-servizzi mediċi u vet ftit li xejn ġew utilizzati l-fondi. Minn dawn il-fondi baqa fond totali ta' madwar 31147.30 EUR u qed tissuġerrixi biex dan l-ammont minn vet u servizzi mediċi jinqeleb għal użu ta' aktar vouchers tal-ikel.

32.7.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qed tissuġġerrixi li jsir hekk għaliex iċ-ċansijiet li qattus ikollu bżonn attenzjoni medika huma rari filwaqt li food vouchers dejjem ser jintużaw żgur biex cat feeder jixtri aktar ikel appenna jispiċċalu. Hija b'mod speċjali qed tissuġerrixi li jsir dan it-tibdil għaliex il-proġett suppost jrid jkun iffinalizzat sal-bidu ta' Novembru 2021 u peress li żmien qed jafas il-probabbilta li jinqalaw ħafna każijiet mediċi jew ta' vet huma vera ftit u l-kunsill ser

jispiċċa jitlef il-fondi jekk ma jagħmilx dan it-tibdil. Is-Sinjorina Borg qalet li tkelmet ukoll ma' xi cat feeders u dawn ukoll jaqblu li l-fondi tal-vet għandhom jinqelbu għal aktar food vouchers. Il-Kunsilliera qablu lkoll unanimament fuq proposta tal-Kunsillier Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Zahra.

32.7.3.3 Is-Sinjorina Borg umbgħad tkelmet fuq 1,000 EUR ta' sheltering u xiri ta' kennels li kien hemm qbil dwarhom li għandhom jitpoġġew fil-ġnien. Hija fl-aħħar ġabret tlett kwotazzjonijiet mingħand IDEA Natur, Custom Cages u Jonzilla Customs, fejn ressqithom it-tlieta għal kunsiderazzjoni tal-kunsilliera kollha. Hija qrat u spjegat dawn il-kwotazzjonijiet, li t-tlett tipi ta' kennels huma lkoll approvati mill-Animal Welfare u addattati għal qtates bħala sheltering. Spjegat ukoll kif dwar dawn il-kwotazzjonijiet hija kkonsultat minn qabel mas-sindku, mal-kunsillier Zahra (bħala l-kunsillier responsabbli mill-Ħarsien tal-annimali) u ma' żewġ cat feeders. Sar kuntatt mal-feeders biex il-kunsill ikollu l-parir u l-opinjoni tagħhom bħala esperti li jieħdu ħsieb il-qtates u peress li l-kunsill ma tantx għandu esperjenza dwar liema tip ta' kennels huma l-aktar addattati.

32.7.3.4 Il-Kwotazzjoni pprovdutha minn IDEA Natur tidher l-irħas pero f'dan il-kuntest il-prezz mhux kollox għaliex f'kennel minnhom qattus wieħed biss jista joqgħod u bħala dehra il-kennels mhux daqshekk estetikament preżentabbli. Il-kwotazzjonijiet ta' Custom cages u Jonzilla customs huma simili ħafna u l-kennels estetikament qishom l-istess fejn kull kennel tiflah fiha aktar minn qattus wieħed (clusters ta' 4 / 6 qtates). L-unika differenza bejn dawn il-kwotazzjonijiet hija li ta' Custom cages inkluż mas-sheltering għandha fiha żewġ feeding bowls pero umbgħad hija aktar għolja fil-prezz minn dik ta' Jonzilla Customs. Fl-opinjoni tal-cat feeders il-kunsill għandu jmexxi bil-kwotazzjoni ta' Custom cages għar-raġuni li l-kennels jinkludu l-feeding bowls.

32.7.3.5 Is-sinjorina Borg spjegat kif is-sur Zahra ħareġ b'suġġeriment tajjeb immens. Bħala sheltering u dehra il-kennels ta' Jonzilla u Custom cages huma simili. L-unika differenza hija li ta' Jonzilla hija bla bowls u irħas. Allura s-sur Zahra talab biex jiġi mistoqsi lil Jonzilla Customs jekk fil-kennels tagħhom huma jistgħux jinkludu żewġ toqob u feeding bowls ukoll u l-kunsill jara id-differenza x'inhi fil-prezz. Filfatt is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif hija għamlet kuntatt ma' Jonzilla Customs u dawn ma sabux oġġezzjoni li is-sheltering ikun jinkludi żewġ feeding bowls u barra minn hekk il-prezz ta' Jonzilla baqa anke irħas minn dak ta' custom cages bil bowls inkluzi, fuq xewqa u suġġeriment ta' kif jixtiequhom il-cat feeders.

32.7.3.6 Is-Sur Zahra kkonferma dak kollu li qalet is-Sinjorina Borg u huwa tal-opinjoni li l-kunsill jmexxi bil-kwotazzjoni ta' Jonzilla Customs diment li ħadd mill-kumplament tal-kunsilliera ma jsibx oġġezzjoni.

32.7.3.7 Fuq bażi ta' din l-ispjegazzjoni, l-Kunsilliera unanimament approvaw li dwar sheltering il-kunsill għandu jmexxi bil-kwotazzjoni ta' Jonzilla customs bil-feeding bowls inklużi u minnufih jutilizza l-1,000 EUR allokati taħt din l-iskema għal xiri ta' kennels. Din l-approvazzjoni saret fuq proposta tal-kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra.

32.7.4.1 <u>Skema LESA – Proġetti fil-komunitajiet 2022</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill kif LESA reġgħat għat-tieni darba ħarġet l-iskema ta' proġetti fil-komunitajiet għas-sena 2022. Hija pero spjegat kif din id-darba l-kunsill ma jistax jerġa japplia għaliex din l-iskema reġgħat ħarġet biss għal dawk il-kunsilli li ma ġewx magħżulha fl-ewwel sejħa. Il-Kunsill ta' Ħal Lija filfatt ġie magħżul fl-ewwel sejħa fejn ingħata approvazzjoni biex jinvesti fi vann elettriku ħalli jaqdi lil anzjani u nies bi bżonnijiet speċjali fir-raħal bl-appuntamenti mediċi tagħhom.

32.7.4.2 Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

32.7.5.1 <u>Ġbir ta' skart goff- tibdil fid-data tal-ġbir</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet proposta fuq il-mejda tal-kunsill biex tinbidel id-data matul il-ġimgħa ta' meta jinġabar l-iskart goff. Hija qalet kif bħalissa l-isktar goff jinġabar kull nhar ta' Sibt u qed issir proposta biex l-iskart goff jinġabar minnflok kull nhar ta' Tlieta. Hija spjegat kif il-kollettur jibda jiġbor tard, saħansitra ġili ġie anke wara nofsinhar u allura residenti jibqaw bl-affarijiet barra anke sa tard bil-lejl u fil-weekend huwa ikrah li tara skart goff barra tard bil-lejl minkejja li dan ikun ser jinġabar. Xi residenti anke lmentaw dwar dan u s-sindku ta' spiss kien qed jiġi ddisturbat fil-weekend b'din il-kwistjoni. Is-Sindku għamel preambola wkoll lil kuntrattur li minkejja d-data ser tinbidel għat-Tlieta xorta pero sa nofsinhar irid ikun beda jiġbor u biex ma jiġix aktar tard minn nofsinhar.

32.7.5.2 Il-Kunsilliera unanimament qablu fuq din il-proposta.

32.7.6.1 <u>Akkumular ta' leave tas-Segretarju Eżekuttiv mis-Sena 2021 għas-sena 2022</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda ittra li titratta rigward talba għal tiġdid ta' siegħat tal-*leave* tagħha tas-sena 2021. Hija spjegat kif baqala xi ġranet tal-*leave* u tixtieq li dawn jiżdiedu mal-*leave* tagħha tas-sena 2022.

32.7.6.2 Il-Kunsill unanimament approva din it-talba u s-Segretarju Eżekuttiv issa għandha tkompli bil-proċess fejn titlob għall-approvazjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali f'dan ir-rigward.

32.7.7.1 <u>Ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju għax-xitwa</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv aġġornat lil kunsilliera dwar il-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju għax-xitwa. Hija spjegat kif il-kunsill ser jerġa jibda jopera bil-ħinijiet tax-xitwa u daqshekk nofs ta' nhari mill-1 ta' Ottubru 2021. B'konsultazzjoni mas-Sindku hija nfurmat lil kunsilliera kif għall-pubbliku l-kunsill ser jibda jiftaħ mit-8:00am sas-2:00pm biss. Pero dan ma jfissirx li wara s-satejn l-istaff ikunu telqu u l-iskrivani xorta ser jaħdmu l-ħin tagħhom wara dawn is-siegħat bil-bibien magħluqin. Il-Bieb anke ser ikun qed jingħalaq fis-2:00pm bħala kontinwazzjoni ta' diversi miżuri li l-kunsill ħa kontra l-pandemija ta' Covid 19.

32.7.7.2 Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

32.7.8.1 <u>Rendikont dwar l-akkwist ta' binja ġdida bil-kiri għal użu ta' uffiċini tal-kunsill</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont dwar il-proċess sħiħ li hija mexxiet miegħu biex il-kunsill jakwista binja ġdida bil-kiri minn fejn ikun jista jibqa jopera u jagħti servizz lir-residenti tiegħu peress li kuntratt eżistenti li huwa għandu tal-uffiċini ser jiskadi fl-aħħar tas-sena. Kopja ta' dan ir-rapport ġie mibgħut lil kunsilliera minn qabel il-laqgħa u qed jiġi anness mal-minuti.

32.7.8.2 Is-Sindku u l-Kunsilliera rringrazzjaw lis-Segretarju Eżekuttiv tax-xogħol siewi tagħha. Bħala kontinwazzjoni ma dak li hemm imniżżel fir-rapport, is-sindku qal kif il-kunsill qiegħed fl-aħħar stadji mas-sid li jiġi ffinalizzat il-kuntratt tal-kiri fuq din il-binja u kif ukoll li ssir change of use permit minn residential għal użu ta' uffiċini. Filfatt il-kunsill għandu jerġa jiltaqa mal-avukat li ser jassisti f'dan il-proċess. Il-Kunsilliera unanimament approvaw il-kontenut tar-rendikont li ppreparat is-Sinjorina Borg, fuq proposta tas-Sindku Anthony Dalli li kien issekondat mill-Viċi Sindku Daniel Mallia.

32.7.9.1 <u>Performance Indicator Report għas-sena 2020</u>
Is-Sinjorina Borg poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill performance indicator report għas-sena 2020, kkumpilat mill-kumpanija 6th Energery bi ħdan mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, li jispjega l-performance tal-kunsill fuq bażi ta' ħames Key performance indicators (KPIs). Dawn huma: KPI 1 – Residual Household waste per household, KPI 2 – Percentage of household waste sent for recycling, KPI 3 – Improved street and environmental cleanliness, KPI 4- Improved street and environmental cleanliness – fly tipping u KPI 5- Principal roads were maintenance is required.

32.7.9.2 Fil-qosor, is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif ikkumparat mas-sena 2019, il-kunsill kellu performance ferm aħjar mis-sena 2020. Din tirrifletti fil-figuri tar-rapport u meta wieħed jaqra dan ir-rapport u jqabblu ma' dak tas-sena 2019 jinduna li għal kull KPI il-kunsill kellu score baxxa u score baxxa tfisser performance tajba. Il-Kunsill irid jistinka aktar pero fuq KPI 1, u jara kif jista jħeġġeġ u jeduka aktar lir-residenti biex l-użu tal-borża s-sewda jkompli jitnaqqas aktar. Is-Sindku qal kif huwa ser ikun qed jaħseb dwar xi attivita jew inizjattiva li jista jħejji l-kunsill biex iħeġġeġ lir-residenti joħorġu l-borża s-sewda mill-inqas u ta' dan jiġu ppremjati biex b'hekk wieħed ikollu nċentiv jirriċikla aktar u jnaqqas l-iskart.

32.7.10.1 <u>Skema SPI/SCI/5/2021 – Community inclusive – Lista ta' applikanti u interviews</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif l-applikazzjoni li huwa ssottometa biex jingħata supervisor fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv ġiet approvatha mid-dipartiment tal-Gvern Lokali. Dwar din l-iskema id-Dipartiment qed jaħdem ma' Jobs plus u filfatt Jobs plus bgħatet lista ta' applikanti lil kunsill biex ikun jista jagħżel il-persuna adekwatha għal dan ix-xogħol.

32.7.10.2 Is-Sinjorina Borg talbet lis-sindku u lil kunsilliera biex tinsab ġurnata u ħin meta jistgħu jsiru l-interviews lil applikanti biex b'hekk hija wkoll tinforma lil l-applikanti bid-data u l-ħinijiet.

32.7.10.3 Ġie deċiż li dawn l-interviews għandhom isiru nhar il-Ħamis 30 ta' Settembru 2021 bejn l-10:00am u l-12:00pm. Is-Sindku nforma lil kunsilliera kif mhux il-bżonn li jkun hemm kulħadd preżenti waqt l-interviews u żewġ kunsilliera flimkien miegħu u mas-Segretarju Eżekuttiv huma biżejjed.

32.7.11.1 <u>Approvazzjoni ħruġ ta' tender għal xiri ta' vann ġdid tal-elettriku b'relazzjoni mal-iskema tal-LESA - Proġetti fil-komunitajiet</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill tender għal xiri ta' vann tal-elettriku 7-seater li hemm bżonn jinħareġ inkonessjoni mal-fondi li riċentamament ġew allokati lil kunsill mingħand LESA taħt l-ewwel sejħa tal-iskema Proġetti fil-komunitajiet(2021). Dan it-tender ġie kkumpilat minn persuna professjonali, is-Sur Kenneth

Brincat u kopja tad-dokument intbgħatet lil kunsilliera qabel il-laqgħa. Is-Sinjorina Borg qalet kif dan id-dokument anke ser jintbgħat għall-approvazzjoni tad-dipartiment. Il-budget għax-xiri ta' dan il-vann ser jammonta għal 36,000 Eur inc VAT.

32.7.11.2 Is-Sinjorina Borg qalet kif f'dan id-dokument jaf jiġu emendati xi dettalji żgħar u appena jkun approvat hija talbet lil kunsilliera biex minnufih jingħata kunsens lis-sur Brincat biex dan id-dokument jinħareġ fuq is-sistema tal-EPPS u jiġi ppublikat kif suppost fil-gazzetta tal-gvern.

32.7.11.3 Il-kunsilliera kollha approvaw il-qafas ta' dan id-dokument u appena jiġi approvat mid-DLG huma taw l-approvazzjoni li jinħareġ fuq is-sistema mis-Sur Brincat. Din l-approvazzjoni saret fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini. Is-Segretarju Eżekuttiv ser iżżommom aġġornati bil-kumplament tal-proċess.

32.7.12.1 <u>Approvazzjoni ħruġ ta' tender għal open air gym</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif fil-jiem li ġejjien ser ikun qed jiġi pprepart dokument ta' tender ieħor biex jinxtara equipment għal open air gym fil-ġnien Ċentru Rikreattiv inkonnessjoni mal-applikazzjoni sottomessa tal-kunsill taħt skema SPI/SCPI/3/2020. Dwar dan id-dokument is-Segretarju Eżekuttiv talbet għal assistenza tal-perit peress li qabel ma tinħareġ it-tender l-ewwel anke trid tiġi sottomessa applikazzjoni ta' permess mal-Awtorita ta-Ippjanar. Il-perit irid anke jassisti lil kunsill bil-preparazzjoni tal-BOQ u l-ispecifications tad-d-dokument.

32.7.12.2 Is-Sinjorina Borg spjegat kif hija ma ssibx oġġezzjoni li kopja ta' dan it-tender jintbgħat b'imejl lil kunsilliera appena jkun lest u qabel ma jinħareġ fuq is-sistema tal-EPPs. Naturalment qabel irid ukoll jintbgħat għall-approvazzjoni tad-DLG.

32.7.12.3 Il-Kunsilliera approvaw il-ħruġ ta' dan id-dokument u l-preparazzjonijiet kollha neċċessarji li hemm bżonn isiru.

32.7.13.1 <u>Approvazzjoni ta' survey qabel ma jiġi mplementat green wall f'Ta Senna</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif qabel ma jiġi mplementat green wall kif qed jiġi rikjest isir f'Ta Senna, l-perit qed jgħid li l-aħjar l-ewwel isir survey bħala prekawzzjoni. Dwar dan is-suġġett is-Sindku riċenti iltaqgħa mal-perit fit-13 ta' Settembru 2021.

32.7.13.2 Il-Kunsilliera approvaw li jsir dan is-survey fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Minority Leader Lorraine Farrugia u b'din id-deċiżjoni għandu jiġi nfurmat il-perit.

32.7.14.1 <u>Talba għal bankina fi Triq il-Kunċizzjoni</u>
Tressqet talba fuq il-mejda biex issir bankina fi Triq il-Kunċizzjoni quddiem dar numru 16. Dwar din it-talba is-Segretarju Eżekuttiv ħalliet f'idejn is-Sindku biex ikompli jagħti spjegazzjoni.

32.7.14.2 Is-Sindku u l-kunsilliera approvaw din it-talba u għandha tiġi mgħoddija għall-attenzjoni tal-perit.

32.7.15.1 <u>Talba fi Triq Sant Andrija</u>
Tressqet talba fuq il-mejda biex togħla tarġa ta' bieb partikulari fi Triq Sant Andrija bi tlett pulzieri biex b'hekk bl-għoli tat-tarġa ma jidħolx ilma ġod-dar. F'din it-triq fil-viċin hemm culvert li pero dan ma jistax jinfetah minħabba kwistjoni ta' għargħar li tispiċċa tiġi kkawzatha f'kantina ta' ħaddieħor jekk jinfetaħ. Is-Segretarju Eżekuttiv ħalliet f'idejn is-Sindku biex jitkellem aktar fid-dettal dwar din it-talba.

32.7.15.2 Il-Kunsill unanimament approva li t-tarġa ta' dan il-bieb togħla kif mitlub.

## 32.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

32.8.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 09/21 li kienet tinkludi l-ammonti tal-*petty cash* ta' €22.53 għax-xahar ta' Awwissu.

32.8.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joseph Zahra li kien ssekondat mis-Sindku Anthony Dalli. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għadha magħluqha minħabba s-sitwazzjoni ta' COVID-19, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 32.9 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

32.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif b'kollox sad-data tas-seduta, ma kienx hemm applikazzjonijiet alarmanti ġodda. Biss, is-Sinjorina Borg infurmat lil kunsilliera kif nhar id-29 ta' Settembru 2021 ser ikun hemm *online hearing* dwar PA 00276/21, 15, Mille Fiori, Triq Daniel Sammut. Il-ħin ta' dan il-hearing għadu mhux determinat u appena jkollha l-*online link* f'idejha, hija ser tibgħatha lit-town planner biex tkun preżenti u kif ukoll lis-sindku u l-kunsilliera.

32.9.2 Is-Sindku qal kif fil-jiem li għaddew ġie avvicinat mill-membri tal-għaqda tan-nar u mill-kunsillier Zahra dwar l-applikazzjoni nru PA 6057/20 fuq in-Naxxar, għaliex mid-dehra l-applikant għamel xi freshplans. Is-Sur Dalli nforma lil kunsilliera kif il-kunsill kien diġa oġġezzjona għal dan il-permess minkejja li mhux fuq Ħal Lija, bħala sapport ma l-Għaqda tan-nar peress li l-kamra tan-nar jaf tiġi affetwatha b'din l-applikazzjoni kemm il-darba tiġi approvatha. Is-Sur Dalli kompla jgħid kif l-għaqda tan-nar reġgħat oġġezzjonat u l-kunsill ser jerġa jagħti s-sapport tiegħu billi jissottometti l-istess oġġezzjoni li ssottomettiet l-għaqda. B'hekk il-kunsill dwar din l-applikazzjoni ser ikun oġġezzjona darbtejn issa.

## 32.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

32.10.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

32.10.2. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li l-ħmieġ li qed jitwaddab wara l-boundary wall tal-għalqa li hemm fi Triq Kardinal Ferretti ma' Triq Salvu Mifsud qed jiżdied u jogħla ħafna. Hija ssuġġeriet biex forsi titweħħel camera li jista jakkwista l-kunsill minn xi fondi. Is-Sindku qal kif huwa mar fuq il-post biex forsi xi ħadd mir-residenti jgħidlu ta' min hi l-għalqa, pero donnu ħadd ma jaf. Is-Sindku qal kif jekk jiġi ndikat is-sid ta' min hi l-għalqa huwa ma jsibx oġġezzjoni jkelmu biex itella ħajt aktar għoli ħalli tkun diffiċli għan-nies milli jarmu l-affarijiet tagħhom ġo din l-għalqa. Is-Sinjorina Farrugia qalet kif hija aktarx għandha ħjil ta' min hija l-art jekk għadu l-istess is-sid u ser tgħaddi din l-informazzjoni lil kunsill.

32.10.3 Il-laqgħa ntemmet fi 6:00pm.

32.10.4 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2021 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-4:30pm onaljn.

Konfermati, illum l-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |